MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2005

Citazzjoni Numru. 2539/1996/1

**Emmanuel Briffa u martu Filippa Briffa**

**Vs**

**Carmelo sive Charles Farrugia u martu Irene Farrugia, u Direttur tal-Lotto Pubbliku**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-atturi ppremettew illi huma xtraw minghand il-konvenuti ricevitur tal-Lotto Carmelo sive Charles Farrugia il-biljett numru B59298 li rebah fil-premju ta' Lm20,000 (ghoxrin elf lira maltin) fil-Lotterja Nazzjonali li telghet fis-17 ta' Ottubru 1993 u huma l-propjetarji tal-imsemmi biljett;

Peress illi fl-20 ta’ Ottubru 1993 l-attrici Filippa Briffa tat dan il-biljett tal-lotterija l-kbira lil ohtha Dolores Cascun biex tmur ticcekjah f’banka tal-lottu;

Peress li Dolores Cascun marret fil-banka tal-lottu tal-konvenuti Carmelo sive Charles Farrugia numru 100 (mija) li qieghda f’Haz Zebbug;

Peress illi meta Dolores Cascun tat l-biljett lill-konvenut dan hatafulha minn idha u qallha li rebhet Lm100 (mitt lira);

Peress li Dolores Cascun infurmat lill-konvenut Carmelo sive Charles Farrugia li l-biljett m’hux taghha imma t’ohtha u li hi ma tridx il-Lm100 (mitt lira) izda l-biljett;

Peress illi l-konvenut Carmelo sive Charles Farrugia gia qabad u ta Lm100 (mitt lira maltin) u hi qaltlu biex jaghtiha l-mamma tal-biljett;

Peress illi l-konvenut Carmelo sive Charles Farrugia gia ma ridtx jaghtiha l-mamma tal-biljett u qallha li se jibghat il-mamma bil-posta u dan minghajr ma kellu indirizz u lanqas isimha izda insista li tiehu il-Lm100 (mitt lira maltin);

Peress illi Dolores Cascun marret tghid lill-attrici u din marret il-banka tal-lottu ftit wara u qalet lill-konvenut Carmelo sive Charles Farrugia biex jaghtiha l-mamma tal-biljett;

Peress li l-konvenut Carmelo sive Charles Farrugia qal lill-attrici li ma setghax jaqta` l-mamma ghax inkella l-biljett ma jkunx tajjeb jekk tinqata` l-mamma;

Peress illi l-attrici baqghet tinsisti sabiex jaghtiha l-mamma u meta ma riedx jaghtielha din qaltlu biex jiktbilha n-numru tal-biljett peress li kienet ghad trid titla` l-Lotterija tal-Ewropa;

Peress illi l-konvenut Carmelo sive Charles Farrugia kiteb in-numru 76298 fuq bicca karta u ta' lill-attrici (in-numru miktub fuq Dok A);

Peress li meta l-attrici marret ghand ommha indunat li n-numru li ta l-konvenut Farrugia kien hazin u marret ghand ohtha u din qaltilha li zgur in-numru mhux tal-biljett taghha ghax in-numru taghha kien jibda bin-numru 5 (hamsa);
Peress illi l-attrici regghet marret fil-Banka tal-Lottu tal-konvenut Carmelo sive Charles Farrugia u riedet taghti lill-istess konvenut il-Lm100 (mitt lira maltin) lura u tiehu l-biljett lura u huwa irrifjuta u qallha li diga sarrfu ghand id-Dipartiment tal-Lottu Pubbliku;

Peress illi fil-Banka kien hemm prezenti certa Mary Zerafa li tmur tghin lill-konvenuti u din Mary qalet lill-konvenut biex jaghti l-mamma lill-attrici pero` huwa qal li ma gietux f'mohhu jaqta` il-mamma;

Peress illi hawn l-attrici qalet lill-konvenut Carmelo sive Charles Farrugia illi kienet qaltlu dan u hu qisu ftakar u qallha "Eh! Bil-haqq dak ma jissarrafx jekk naqtaghha";

Peress illi l-attrici qalet lill-konvenuti illi sejra ticcekja ghand tal-Lottu Pubbliku u meta marret hemm qalulha li Carmelo sive Charles Farrugia ma marx isarraf l-ebda biljett;

Peress illi l-attur mar jaghmel rapport l-Ghassa dwar dan il-kaz;

Peress illi wara ftit il-konveut Carmelo sive Charles Farrugia mar ghand omm l-attrici u kien hemm Dolores Cascun u l-konvenut qallha li l-attrici ghandha ragun ghax in-numru li ta ma kienx taghha u ta' biljett iehor bin-numru B 79298 (il-biljett f'Dok A) li rebah il-premju ta' Lm1,000 (elf lira Maltin) u dan il-biljett gabu bil-mamma b'kollox, pero' din kienet maqtuha mill-biljett mentri l-biljett li oht l-attrici kienet tat lill-konvenut kien shih;

Peress illi oht l-attrici qalet lill konvenut Carmelo sive Charles Farrugia li l-biljett mhux tal-attrici ghax il-biljett taghha kellu numri differenti;

Peress li n-numru li l-konvenut Carmelo sive Charles Farrugia tah lill-attrici u cioe 76298 il-biljett “B” gie mibjugh minn Valentino Saliba li huwa agent li jbiegh il-biljetti ghat-triq u dan fid-29 ta’ Settembru, 1993;

Peress illi l-konvenut Carmello sive Charles Farrugia ammetta li meta nizzel dawn in-numri huwa vvinta l-ewwel zewg digits li hu kien nizzel l-ahhar tlett digits li kienu jintitolaw persuna ghar-rebh ta’ Lm100 (mitt lira Maltin);

Peress illi skond is-sistema tal-lottu Pubbliku biljett b’numri jibdew minn 5 (hamsa) sa 9 (disgha) bilfors ikunu bl-ittra B mentri l-ittra A tkun min-numri li jibdew minn 0 (zero) sa 4 (erbgha);

Peress illi rrizulta li l-biljett vincenti numru B 59298 gie mibjugh mill-banka tal-Lottu tal-istess il-konvenut Carmelo sive Charles Farrugia u sallum ghadu ma ssarrafx;

Peress illi l-konvenut Carmelo sive Charles Farrugia fl-4 ta’ Ottubru 1994 gie akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli appropria ruhu billi dawwar bi profitti ghalih jew ghal persuna ohra, minn biljett li kien jappartjeni lil konjugi Emmanuel u Filippa Briffa; kif ukoll ikkommetta serq ta’ biljett tal-lotterija Nazzjonali ta’ Malta liema serq hu kwalifikat bil-valur, ghad-danni tal-konjugi Briffa u dawn il-proceduri kriminali ghadhom ghaddejin;

Jghidu l-konvenuti jew min minnhom ghaliex m’ghandiex din l-Onorabbli Qorti;

1.

Tiddikjara li l-biljett numru B 59298 li rebah il-premju ta’ Lm20,000 (ghoxrin elf lira Maltin) fil-Lotterija Nazzjonali tas-17 ta’ Ottubru, 1993 li kien jappartjeni lill-atturi kien gie

fdat jew ikkunsinjat lil Carmelo sive Charles Farrugia bhala ricevitur  tal-lottu numru 100 (mija);

2. Tiddikjara li l-istes Carmelo sive Charles Farrugia bi frodi u b'qerq u bi hsara ghall-konjugi Emanuel u Filippa Briffa approprija ruhu mill-istess biljett;

3. Tiddikjara illi tali agir tal-konvenut Carmelo sive Charles Farrugia irreka dannu u hsara lill-atturi fl-ammont ta' Lm20,000 (ghoxrin elf lira Maltin) u konsegwentement;

4. Tillikwida dak dovut mill-konvenuti jew minnhom lill-atturi bl-imghax mid-data dovuta;

5. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-atturi dak likwidat fir-raba' talba;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tat-22 ta' Lulju, 1996 kontra l-konvenuti ngunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti a fol. 13 tal-process fejn jeccepixxu:**

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjenti ma wettqu l-ebda att kriminuz. F'kull kaz l-eccipjenti Irene Farrugia ma mmiskjat ruhha bl-ebda mod u ghandha tigi liberata 'ab observantia';

2. Illi bla pregudizzju ghall-premess u f'kaz li jigi stabbilit li l-att ma huwiex ta' provenjenza kriminuza allura l-azzjoni hi preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 Kodici Civili;

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Rat li d-direttur tal-Lottu Pubbliku debitament notifikat naqas li jipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu u ghalhekk baqa' kontumaci (ara notifika a fol. 13 tat-23 ta' April 1997);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-partijiet:

**Din l-kawza tirrigwarda biljett tal-Lotterija Nazzjonali.**

**Eccezzjonijiet preliminari**

Fl-ewwel eccezzjoni taghhom l-konvenuti qed jeccepixxu li Irene Farrugia ma mmiskjat ruhha bl-ebda mod u ghalhekk ghandha tigi liberata '*ab observantia*'.

Mill-provi prodotti ma jirrizultax li hemm xi allegazzjoni li Irene Farrugia kellha x'taqsam ma dak li gara bejn il-partijiet. Inoltre l-presenza taghha mhiex mehtiega f'dina l-kawza billi l-att li kien jirrigwarda l-gestjoni tan-negozju tal-konvenut ma jidholx fil-kommunjoni ta' l-akkwisti u huwa vestit biss fil-konvenut (Art 1324 Kap 16). Ghalhekk dina l-eccezzjoni qed tintlaqa'.

Fit-tieni eccezzjoni l-konvenuti qed jeccepixxu li l-att ma huwiex ta' provenjenza kriminuza ghalhekk l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 Kodici Civili cjoe b'sentejn. L-atturi jirritjenu li fl-aghar ipotezi l-artikolu applikabbli huwa l-artikolu 2154 tal-Kodici Civili stante li l-hsara li saret lill atturi giet ikkagunata minn reat, fatt ikkonfermat mill-provi li tressqu.

Illi mill-provi prodotti f'dina l-kawza ma jirrizultax li s'issa l-konvenut gie misjub hati ta' xi reat f'xi sede ohra in konnessjoni ma dana l-kaz, ghalhekk f'dan l-istadju ma

jistax jitqies li l-hsara li l-atturi jallegaw li garrbu saret permezz ta’ reat. Izda mill-provi prodotti invece jirrizulta li l-konvenut mhux qed jghid li ma kellux jaghti lill atturi imma qed isostni li hu ha zball u fil-fatt hallas l-Lm1,000 li kellu jaghtihom lill atturi. Ghalhekk kwalunkwe preskrizzjoni li setgha kien hemm giet interrotta.

Fil-mertu l-konvenut qed jeccepixxi li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li hu ma wettaq l-ebda att kriminuz.

**Mertu**

L-atturi qed jikkontendu li huma kienu rebhu l-premju ta’ Lm20,000 fil-Lotterija Nazzjonali li telghet fis-17 ta’ Ottubru 1993 mentri l-konvenut isostni li l-biljett li kellhom l-atturi kien rebah biss Lm1,000 u li bi zball hu kien sarrafulhom ghal Lm100.

Skond Philippa Briffa u ohta Doris Cascun il-fatti graw kif se jinghad.

Doris Cascun kienet xtrat biljett tal-lotterija ghal ohta Philippa Briffa l-attrici, minghand il-konvenut. Meta telghet il-lotterija l-attrici kienet batghet lill ohta ghand il-konvenut biex tivverifikalha x’tela. Meta Cascun marret ghand il-konvenut hi taghtu l-biljett lill konvenut sabiex jivverifika l-biljett u dan qallha li kienu telghulha tlett numri u taha Lm100. Hi qaltlu li l-biljett kien ta’ ohta u talbitu l-mamma tal-biljett izda l-konvenut ma tahiliex ghax qallha li l-biljett ma jkunx jghodd jekk jaghtihieli. Meta marret id-dar ghand ohta bil-flus dina talbitha l-mamma tal-biljett u meta qaltilha li l-konvenut ma kienx taghhilha ohta marret hija stess ghand il-konvenut titlobilu izda dan ma tahiliex u minflok kiteb in-numru li qal li kien taghha fuq bicca karta. Meta hi rritornat u ohta Doris rat dina l-karta bin-numru qaltilha li n-numru ma kienx qiesu taghha u fil-fatt kien hemm imnizzel biss in-numri bla l-ittra. L-atturi kienu marru l-Lotto Pubbliku jaghmlu rapport u jaraw x’gara. Xi granet wara l-konvenut kien mar ghand Cascun qalilha li kien ha zball u li ohta kienet rebhet Lm1,000 u mhux Lm100 u taha l-biljett li kien rebah l-Lm1,000 li suppost

kien ta’ ohta. L-atturi ssusspettaw fil-konvenut u kienu qed jahsbu li fil-fatt huma kienu rebhu Lm20,000 ghax skond huma l-biljett taghhom kien jibda bil- 5 u mhux bis-7. Ghalhekk marru ghand il-pulizija biex inbdew proceduri kriminali kontra l-konvenut.

L-ispettur investigattiv Kevin Ellul Bonici kien ghamel rapport fejn kien qal li ma kienx hemm provi bizzejjed kontra l-konvenut izda l-istess ittiehdu passi kriminali kontra tieghu.

Skond l-Spettur meta hu kellem lill konvenut dan kien qallu li kien ha zball fis-sens li meta kkexxja t-ticket li gie mghoddi lilu, huwa haseb li kien ticket rebbieh ta’ Lm100. Fil-fatt wara nduna li t-ticket li ghaddewlu kien rebah Lm1,000 u ghalhekk mar jaghtihom il-flus.

Fir-rapport tieghu l-ispettur ighid li

*As matters stand, there is ample circumstantial evidence that Farrugia had intentionally paid Lm100 for a Lm1,000 ticket, deceiving Mrs. Briffa in the process. Farrugia, however, desisted from further criminal action by returning the ticket.*

*On the other hand, no evidence exists that Mrs Briffa’s ticket was in fact the second prize-winning ticket, **just assumptions**. (emfasi tal-Qorti)*

*No further investigations are envisaged at this stage..*

Basikament il-konvenut qed jghid li kienet marret Doris Cascun sabiex ticcekkja l-biljett u billi ma kellux rizultati miktuba, peress li dawn igibhom mid-Dipartiment tal-Lottu, meta ra l-biljett kien ta’ l-opinjoni illi dan kien biljett rebbiegh ta’ Lm100. Hu taha Lm100 u hi taghtu l-biljett. Xi siegha wara marret ohta l-attrici u talbitu n-numru tal-biljett. Peress illi kellu n-nies ma qaghadx johrog il-biljett biex jiccekkja u taha sett numri li kellu l-ahhar tlett numri rebbieghin ta’ Lm100. L-ewwel zewg numri ktibhom kif gie gie.

Xehdu imbaghad tad-Dipartiment tal-Lotto Pubbliku li spjegaw li l-biljett ta' Lm20,000 kien inxtara mill-konvenut minghand id-Dipartiment tal-Lotto (fol 45). Huma jbieghu *sheets* ta' hamsa, wiehed ta' Lm20,000 u l-ohrajn ta' Lm1,000 il-wiehed. Il-biljett bin- B59298 kien ta' Lm20,000 u dana wara l-lotterija ma gie prezentat minn hadd. Huma ma jkollhomx *record* ghand min jista' jkun billi jkollhom in-numru biss. Fil-lotterija in kwistjoni kien hemm biljetti ohra li ma ssarfux. Il-biljett bin-numru B69298 ta' Lm1,000 intrebah minn Lawrence Cachia; dak ta' B79298 ta' Lm1,000 ma giex prezentat (dan hu dak li l-konvenut ghaddha lill attrici); dak bin-numru B89298 ta' Lm1,000 rebhu Emanuel Borg; B99298 ta' Lm1,000 rebhu Philip Mallia. Il-biljett bin-numru B 76298 ta' Lm100, li hu n-numru li kien kiteb il-konvenut fuq karta lill attrici, hargu Valentino Saliba (ara Dok fol 92 MC). Farrugia f'dan il-kaz ma kienx mar isarraf biljetti mid-Dipartiment tal-Lottu Pubbliku.

**KONESTAZZJONI**

Illi l-atturi qed jirritjenu li l-versjoni moghtija mill-konvenut mhi verosimili xejn u fiha hemm diversi kontradizzjonijiet. Fit-tlett darbiet li huwa rrakkonta dak li gara (quddiem dina l-Qorti u quddiem il-Qorti tal-Magistrati) l-konvenut jaghti versjonijiet kontrastanti kif huma ndikaw fil-nota ta' sottomissjonijiet taghhom.

Il-konvenut minn naha l-ohra issottometta li dan kollu huwa rrilevanti billi huma l-atturi li jridu jippruvaw il-fatt allegat minnhom li huma xtraw minghandu il-biljett bin-numru B 59298 li rebah il-premju ta' Lm20,000 fil-Lotterija Nazzjonali.

**Tikkunsidra**

**Oneru tal-prova**

L-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah Art. 562 Kap 12.

"F'kawzi civili l-attur li jallega li xi haga gratlu b'tort tal-konvenut irid jipprova huwa a sodisfazzjon tal-Qorti li l-

konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jgibx dina l-prova l-azzjoni tieghu ma jistax ikollha ezitu favorevoli, anke jekk il-konvenut ma jipprovax - ghaliex legalment mhux obbligat li jipprova …. Dan mhux ghaliex il-tort ikun ta' l-attur imma sempliciment ghaliex ma jkunx irnexxilu jipprova dak li allega bhala bazi tal-azzjoni tieghu." (ara Dr. H. Lenicher vs J. Camilleri 31/3/72 PA RF ).

"Il-gudikant fil-kamp civili ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex u mhux fuq semplici possibilitajiet ; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet" (Eucharistiko Zammit vs E. Petrococchino – Appell – 25/2/52).

"Fejn l-assjem tal-provi hu tali li l-verzjonijiet tal-kontendenti huma hekk bilancjati li kull wahda tista' tirrizulta plawsibbli u veritjera u ma tirrizultax dik ic-cirkostanza determinanti li tissoda l-konvinciment tal-Qorti favur tezi u mhux l-ohra, ma jibqax lecitu ghall-gudikant li jifforma opinjoni motivata fuq preponderanza ta' probabilitajiet. Jehtieglu jasal biss ghall-konkluzjoni li l-attur ma jkunx sodisfacentement u konkludentement ipprova t-talbiet tieghu" (Joseph Vincent Rausi vs Joseph Muscat deciza mill-Prim'Awla fil-5/10/92).

**Tikkunsidra**

Fil-kaz in ezami mill-ezami tal-provi prodotti mill-atturi jirrizulta li:

Il-biljett kien inxtara minn Doris Cascun u mhux mill-attrici (fol 23); il-biljett kien inxtara minn Doris Cascun f'isem l-attrici (fol 156).

Quddiem dina l-Qorti l-attrici xehded:

"Ohti kienet taf li n-numru kien jibda bil-5 u jiena kelli naqra dubbju".

“Jien ma kontx hadt nota tan-numru tal-biljett tieghi” (fol 24/25).

“Kelli ideja li jibda bil-5. Jiena naf li l-biljett tieghi kien jibda bil-B”. (Fid-dok a fol 10 l-attrici tammetti li hi ziedet l-ittra B qabel 76298).

Fil-Qorti ta’ Magistrati l-attrici kienet xehdet li:

“Jien ma tajtx kaz x’kien in-numru tieghi in rigward l-istess biljett” (fol 158);

“Jiena ma kontx rajt x’kienu in-numri tieghi” (fol 159);

“Meta mort lura d-dar, urejt il-karta bin-numri mnizzlin mill-imputat fuqha lill ohti u dina qaltli li ma kienux in-numri tieghi, minghajr ma pero qaltli in-numri tieghi” (fol 160);

Meta l-konvenut kien taha l-biljett ta’ Lm1,000, l-attrici xehdet li “dak il-hin irrimarkajt lill imputat li jien kont qed nahseb li l-biljett tieghi kien tal Lm20,000 (fol 163);

Edward Gauci Borda, li fiz-zmien tal-kaz kien Direttur tal-Lottu Pubbliku jikkonferma (ara fol. 83) li meta l-attrici kienet marret tkellmu fuq din il-kwistjoni hija ma kienitx tiftakar in-numru tal-biljett taghha.

Doris Cascun tikkonferma li l-biljett li kienet hadet lill-konvenut kien jibda bil-letter B, u l-ewwel numru kien 5, izda tghid ukoll li “meta xtrajna l-biljett ahna ma konniex nizzilna n-numru tieghu x’imkien” (fol 34). Meta hija kienet rat in-numru li l-konvenut kien nizzel fuq bicca karta u tah lill attrici, hija kienet irrimarkat lill ohta li n-numru ma kienx qiesu taghha, izda ma qaltilx x’kien in-numru taghha.

Illi minn dawn il-provi jirrizulta lill Qorti li la l-attrici u lanqas ohta Doris Cascun ma kienu jafu ezattament x’kien in-numru tal-biljett li huma kienu xtraw minghand il-konvenut. Inoltre ma giex pruvat li kien il-biljett li kellhom l-atturi li kien rebah il-premju ta’ Lm20,000. Tezisti incertezza sewwa dwar in-numru tal-biljett li dwaru l-atturi qed iressqu l-pretenzjonijiet taghhom. Huma qed jissuponu li l-

biljett kien dak li rebah. Ghamlu hazin kemm Doris Cascun kif ukoll l-attrici li meta marru ghand il-konvenut huma telqu l-biljett minn idejhom u sarfuh meta la kienu jafu x'numru kellhom u lanqas ma kienu jafu x'kien telgha.

Mill-investigazzjonijiet tal-Pulizija l-aktar li waslu kien li hemm provi kirkostanzjali li l-konvenut intenzjonalment hallas lill attrici Lm100 ghal biljett li kien rebah Lm1,000 (haga li ghad trid tigi pruvata fil-proceduri kriminali) imma mill qbija "*no evidence exists that Mrs Briffa's ticket was in fact the second prize-winning ticket, just assumptions*" Is-suspetti u l-possibilitajiet ma jissoddisfawx l-livell ta' prova li trid il-ligi.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tillibera lill konvenuta Irene Farrugia mill-osservanza tal-gudizzju spejjez ghall atturi;
Tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenut dwar il-preskrizzjoni, spejjez konvenut;
Tichad it-talbiet attrici
Bl-ispejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------